# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta' Jannar, 2022**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 686/11JRM**

**WEBCRAFT LIMITED (C – 20466)**

vs

Evan **CUMBO** eżerċitanti l-kummerċ bl-isem '*Mireva Bookshop*'

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Lulju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpanija attriċi talbet lil din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek, fil-kwalita` tiegħu premessa, għandu jħallasha s-somma ta' wieħed u tletin elf, tmien mija u sitta u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€31,896.50) li tirrappreżenta l-bilanċ ċert, likwidu u dovut għal servizzi li hija tatu skond il-ftehim magħmul bejniethom fl-4 ta' Settembru, 2008, jew dik is-somma oħra li l-Qorti tista' tillikwida; u (b) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha l-imsemmija somma ta' wieħed u tletin elf, tmien mija u sitta u disgħin ewro u

ħamsin ċenteżmi (€31,896.50) jew dik is-somma oħra li l-Qorti tista' tillikwida u dan wara li l-Qorti tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u meħtieġ. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Lulju, 2011[1], li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrek u tat lill-kumpanija attriċi direttivi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fl-10 ta' Awwissu, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li huwa għandu jħallas xi bilanċ lill-kumpanija attriċi għaliex qal li l-kumpanija attriċi naqset li twettaq kif jixraq ix-xogħol li kien ftiehem magħha li tagħtih, taħt il-prinċipju *inadimplendi non est ademplendum* u għaliex ix-xogħlijiet li qabbadha tagħtih ma kinux saru skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila jew ma sarux għal kollox. Temm jgħid li s-somom li diġa` ħallas lill-kumpanija attriċi kienu eżaġerati u abbużivi, kif kien fi ħsiebu jipprova waqt is-smigħ tal-kawża;

Rat il-Kontro-Talba mressqa flimkien mal-imsemmija Tweġiba Maħlufa li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-imħarrek talab li l-Qorti ssib li (i) x-xogħlijiet magħmula mill-kumpanija attriċi rikonvenuta bis-saħħa tal-ftehim milħuq fl-4 ta' Settembru, 2008, ma kinux kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u/jew ma kinux mitmuma kif miftiehem; (ii) tordna lill-istess kumpanija attriċi rikonvenuta troddlu lura s-somma ta' mija u disgħa u għoxrin elf, disa' mija u disgħa u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€129,999.50) li huwa kien ħallasha; (iii) issib li huwa ġarrab danni, minħabba l-mod kif wettqet ix-xogħlijiet il-kumpanija attriċi rikonvenuta; (iv) tillikwida d-danni li huwa ġarrab b'riżultat ta' hekk, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan; u (v) tikkundanna lill-kumpanija attriċi rikonvenuta biex tħallsu l-ammont ta' danni hekk likwidat. Talab l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali b'seħħ minn dakinhar;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpanija attriċi rikonvenuta fil-25 ta' Awwissu, 2011, li biha laqgħet għall-Kontro-Talba tal-imħarrek billi, b'mod preliminari, qalet li l-istess Kontro-Talba ma tiswiex għall-finijiet u effetti tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, billi tonqos fiha partikolarita` essenzjali mitluba mil-liġi u ksur fil-forma li tagħmilha ma tiswiex billi ma tħarisx dak li jitolbu l-artikoli 398(2) u 156(1)(d) tal-istess Kodiċi u billi t-talba rikonvenzjonali għar-radd lura tal-flus imħallsin lill-kumpanija attriċi rikonvenzjonata ma hijiex ritwali ladarba talba bħal dik ma toqgħodx man-natura tal-azzjoni rikonvenzjonali li tinbena fuq il-premessa tat-twettiq ħażin ta' kuntratt ta' xogħol. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ladarba l-imħarrek rikonvenzjonant qiegħed jitlob ir-radd lura tal-ħlas li wettaq, ma jistax

[1] Paġġ. 33 – 4 tal-proċess

jitlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni taħt il-prinċipju li *electa una via non datur recursus ad alteram*. Żiedet tgħid li kull xogħol li wettqet taħt il-ftehim kien verifikat mill-imħarrek rikonvenjent li qatt ma ressaq magħha lmenti bħalma qiegħed iressaq issa fil-Kontro-Talba tiegħu, u dan qiegħed jagħmlu biss biex jipprova jeħles mill-obbligi tiegħu li jħallas il-bilanċ minnu dovut. Qalet ukoll li min jitlob ir-radd lura ta' flus imħallsa jrid jipprova li dan għamlu bi żball u, f'kull każ, talba bħal dik ma tistax issir fil-qafas ta' rabta kuntrattwali valida bil-kuntratt għadu fis-seħħ u saħansitra mġedded mill-istess imħarrek rikonvenjent. Ċaħdet li l-azzjoni rikonvenzjonali hija mistħoqqa għaliex ix-xogħol li hija kkonsenjat taħt il-ftehim sar kollu kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u skond kif kien miftiehem bejn il-partijiet kontraenti. Temmet billi ċaħdet ukoll li hija b'xi mod ikkawżat danni lill-imħarrek rikonvenjent;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2015[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija attriċi rikonvenuta, astjeniet milli tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha sakemm ikunu tressqu l-provi tal-partijiet b'riżerva tal-kap tal-ispejjeż mas-sentenza aħħarija u ordnat it-tkomplija tas-smigħ tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2015, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor u tisma' il-provi tal-partijiet kemm dwar l-azzjoni ewlenija u kif ukoll f'dik rikonvenzjonali;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u l-provi dokumentali tagħhom imressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Mejju, 2017[3], li bih, fuq talba tal-partijiet ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq ssir bil-miktub, wara li l-imħarrek rikonvenjent irtira talba li kien ressaq f'rikors tiegħu tal-21 ta' Frar, 2017, biex il-Qorti tgħaddi għall-ħatra ta' perit tekniku;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpanija attriċi rikonvenuta fl-10 ta' Lulju, 2017[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek rikonvenjent fis-17 ta' Ottubru, 2017[5] , bi tweġiba għal dik tal-kumpanija rikonvenuta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[2] Paġġ. 272 sa 281 tal-proċess
[3] Paġ. 447 tal-proċess
[4] Paġġ. 448 sa 469 tal-proċess
[5] Paġġ. 470 sa 486 tal-proċess

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ dwar servizzi mogħtija f'kuntratt ta' appalt, flimkien ma' azzjoni rikonvenzjonali għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq tal-appalt, ir-radd lura tal-ħlas li sar u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba. Il-kumpanija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "Webcraft") qiegħda titlob lill-imħarrek iħallasha bilanċ fatturat dwar servizzi minnha lilu mogħtijin biex tagħtih sistema ġdid ta' informatika ("*website*") li setgħet tħalli li jsir xiri ta' kotba minn fuq l-internet, liema sistema kellu jibdel sistema li l-imħarrek kien juża qabel;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ċaħad li huwa għandu jħallas xi bilanċ lil Webcraft għaliex qal li kienet hi li naqset li twettaq kif jixraq ix-xogħol li kien ftiehem magħha li tagħtih, taħt il-prinċipju *inadimplendi non est ademplendum* u għaliex ix-xogħlijiet li qabbadha tagħtih ma kinux saru skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila jew ma sarux għal kollox. Temm jgħid li s-somom li diġa` ħallas lil Webcraft kienu eżaġerati u abbużivi, kif kien fi ħsiebu jipprova waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi bl-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu, l-imħarrek irid li l-Qorti ssib li (i) x-xogħlijiet magħmula minn Webcraft bis-saħħa tal-ftehim milħuq fl-4 ta' Settembru, 2008, ma sarux kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u/jew ma kinux mitmuma kif miftiehem; (ii) tordna lil Webcraft troddlu lura l-ħlas kollu li kien taha; (iii) issib li huwa ġarrab danni, minħabba l-mod kif Webcraft wettqet ix-xogħlijiet; (iv) tillikwida d-danni li huwa ġarrab b'riżultat ta' hekk, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan; u (v) tikkundanna lil Webcraft biex tħallsu l-ammont ta' danni hekk likwidat;

Illi Webcraft laqgħet għall-imsemmija azzjoni rikonvenzjonali billi, b'mod preliminari, qalet li l-istess Kontro-Talba ma tiswiex għall-finijiet u effetti tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili billi tonqos fiha partikolarita` essenzjali mitluba mil-liġi u ksur fil-forma li tagħmilha ma tiswiex billi ma tħarisx dak li jitolbu l-artikoli 398(2) u 156(1)(d) tal-istess Kodiċi u billi t-talba rikonvenzjonali għar-radd lura tal-flus imħallsin lill-kumpanija attriċi rikonvenzjonata ma hijiex ritwali ladarba talba bħal dik ma toqgħodx man-natura tal-azzjoni rikonvenzjonali li tinbena fuq il-premessa tat-twettiq ħażin ta' kuntratt ta' xogħol. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ladarba l-

imħarrek rikonvenzjonant qiegħed jitlob ir-radd lura tal-ħlas li wettaq, ma jistax jitlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni taħt il-prinċipju li *electa una via non datur recursus ad alteram*. Żiedet tgħid li kull xogħol li wettqet taħt il-ftehim kien verifikat mill-imħarrek rikonvenjent li qatt ma ressaq magħha lmenti bħalma qiegħed iressaq issa fil-Kontro-Talba tiegħu, u dan qiegħed jagħmlu biss biex jipprova jeħles mill-obbligi tiegħu li jħallas il-bilanċ minnu dovut. Qalet ukoll li min jitlob ir-radd lura ta' flus imħallsa jrid jipprova li dan għamlu bi żball u, f'kull każ, talba bħal dik ma tistax issir fil-qafas ta' rabta kuntrattwali valida bil-kuntratt għadu fis-seħħ u saħansitra mġedded mill-istess imħarrek rikonvenjent. Ċaħdet li l-azzjoni rikonvenzjonali hija mistħoqqa għaliex ix-xogħol li hija kkonsenjat taħt il-ftehim sar kollu kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u skond kif kien miftiehem bejn il-partijiet kontraenti. Temmet billi ċaħdet ukoll li hija b'xi mod ikkawżat danni lill-imħarrek rikonvenjent;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li bi ftehim milħuq fl-4 ta' Settembru, 2008, Webcraft intrabtet mal-imħarrek, fil-kwalita` tiegħu fuq imsemmija, biex tfornih b'sistema elettroniku dwar bejgħ ta' kotba minn fuq l-internet u t-tfassil ta' *database* biex jibdlu s-sistema li l-imħarrek kien iħaddem sa dak iż-żmien fl-istabiliment kummerċjali tiegħu u joħolqu sit ġid ta' *e-commerce* maħsub bħala mezz ta' bejgħ minn fuq l-*internet*[6] u biex tagħtih is-servizzi meħtieġa ta' taħriġ (lill-impjegati[7]) u appoġġ biex is-sistema mfassal ikun jista' jitħaddem sewwa. Is-sistema kien ser jiswa wieħed u sebgħin elf ewro (€71,000) u n-nefqa tas-servizzi kull sena li Webcraft kienet intrabtet li tagħti kienet ta' tmintax-il elf u seba' mitt ewro (€18,700)[8]. Il-ftehim kien maħsub li jtul tliet (3) snin u, wara dak iż-żmien, kien jiġġedded bi tnax-il (12) xahar kull darba sakemm xi parti ma ttemmux bi pre-avviż mogħti bil-miktub ("*registered mail or facsimile*"[9]). Il-proġett tat-tfassil tas-sistema u t-tħaddim ("*commissioning*") tagħha kellu jiġi jitlesta fi żmien għaxar (10) xhur minn Settembru 2008[10], jiġifieri f'Mejju 2009;

Illi għal dak li jirrigwarda garanzija tal-appalt mogħti, il-partijiet ftehmu hekk[11]: "*<u>Warranty:</u> Both parties understand that it is not possible to entirely exclude technical or software problems, to produce faultless software or to cure every defect. Webcraft does not warrrant the absence of defects or problems in operation. Webcraft will however endeavour to correct any problems reported by the client within the period of this agreement free from any charges*";

---

[6] Klawsola 3.1 f'paġ. 12 tal-proċess
[7] Klawsola 3.7 f'paġ. 22 tal-proċess
[8] Klawsola 4.2 f'paġ. 23 tal-proċess
[9] Klawsola 4.3 f'paġ. 23 tal-proċess
[10] Klawsola 5 f'paġ. 25 tal-proċess
[11] Klawsola 8 f'paġ. 27 tal-proċess

Illi s-sistema l-ġdid kien installat fil-21 ta' Settembru tal-2009 u dakinhar intefa s-sistema l-qadim li l-imħarrek kien iħaddem qabel fl-istabiliment tiegħu[12];

Illi l-imħarrek ħallas diversi somom kif mitlub minn Webcraft, u kif miftiehem fil-kuntratt, imma jilminta li Webcraft naqset li tfornih b'sistema tajjeb u li jaħdem, skond linji-gwida mfasslin f'rapport imsejjaħ "*Functional Requirements Document*"[13] li huwa kien qabbad lil min jagħmillu u li jgħid li kien tah lil Webcraft qabel ma bdiet teżegwixxi l-ħatra mogħtija lilha[14]. Jirriżulta li l-imsemmi dokument kien wieħed minn żewġ dokumenti mehmużin bħala Appendiċi mal-ftehim[15];

Illi nqalgħu intoppi bejn il-partijiet billi l-imħarrek beda jilminta min-nuqqasijiet fis-sistema[16]. Webcraft intalbet tirrimedjahom u hija daħlet għal dan ix-xogħol mal-medda taż-żmien[17]. L-imħarrek jgħid[18] li għalkemm kull meta kien jiġbed l-attenzjoni ta' Webcraft għan-nuqqasijiet fis-sistema qatt ma kienu jmeruh, kien iddejjaq li minkejja kull wegħda, ma kienx ingħata s-sistema li ried u li dwarha kienu ftehmu. Minħabba f'hekk, spiċċa qabbad lil ħaddieħor biex jevalwalu s-sistema li tatu Webcraft. Minn rapport "*ex parte*" li ngħatalu, ħareġ li kien hemm numru ta' nuqqasijiet[19];

Illi mill-prospett imressaq minn Webcraft[20] jidher li l-ammont mitlub minnha f'din l-azzjoni tagħha jikkonsisti fit-tariffa tas-servizzi ta' wara li s-sistema kien stallat u konsenjat. Jirriżulta wkoll li l-imħarrek wettaq l-aħħar ħlas akkont fil-21 ta' Frar, 2011[21];

Illi fit-23 ta' Marzu, 2011[22], l-imħarrek bagħat jgħarraf lil Webcraft permezz ta' ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu, li huwa kien se jwaqqaf il-kuntratt u li kien fi ħsiebu jimxi mod ieħor ("*to pursue alternative solutions*"), għalkemm tenna li hu kien fi ħsiebu jibqa' jħares it-termini tal-kuntratt ta' bejniethom;

Illi fid-29 ta' April, 2011[23], Webcraft interpellat lill-imħarrek b'ittra uffiċjali biex iħallasha l-bilanċ li kien jidher li baqa' ma tħallasx. Minħabba li l-imħarrek għarrafha[24] li ma kienx fi ħsiebu jħallas u ressaq ilmenti dwar is-sistema

---

[12] Affidavit ta' Chris Vassallo Dok. "CV" f'paġ. 227 tal-proċess
[13] Dok. "EC1" f'paġġ. 44 sa 147 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Evan Cumbo f'paġ. 319 tal-proċess
[15] Klawsola 10 f'paġ. 28 tal-proċess
[16] Ara Dok. "WC10" f'paġġ. 174 – 7 tal-proċess, Dok. "ECZ" f'paġġ. 338 sa 347 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Adrian Ellul Soler u Dok. "WC11" f'paġġ. 355 u 178 – 180 tal-proċess
[18] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 423 – 4 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Ivan Tabone f'paġ. 383 tal-proċess u Dok. "IT" f'paġġ. 367 sa 372 tal-proċess
[20] Dok "Ċ", f'paġ. 30 tal-proċess
[21] Dok "B", f'paġ. 29 tal-proċess
[22] Dok "E", f'paġ. 212 tal-proċess
[23] Dok. "Ġ" f'paġ. 214 tal-proċess
[24] Dok. "Ħ" f'paġ. 215 tal-proċess

u dwar dak li ntalab iħallas għalih, fid-19 ta' Lulju, 2011, Webcraft fetħet din il-kawża biex titlob il-ħlas tal-bilanċ li hija kienet tistenna mingħand l-imħarrek. Sadattant, fis-16 ta' Ġunju, 2011, Webcraft kienet tat lill-imħarrek "*credit note*" ta' elf, erba' mija u sittax-il euro (€1,416) bħala aġġustament ta' waħda mill-fatturi li dwarhom kienet talbitu jħallasha;

Illi b'ittra elettronika mibgħuta mill-avukat tiegħu fl-10 ta' Awwissu, 2011[25], l-imħarrek bagħat jgħarraf lil Webcraft li ma kienx se jġedded il-kuntratt magħha wara l-għeluq tal-iskadenza oriġinali tiegħu;

Illi ħareġ ukoll li s-sistemi ta' *software* u l-*hardware* marbuta mal-ħatra mogħtija lil Webcraft mill-imħarrek inqerdu minnha[26];

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ, il-Qorti tqis li kemm l-azzjoni ewlenija u kif ukoll dik rikonvenzjonali jduru mal-ftehim ta' appalt li l-imħarrek ta lil Webcraft. Iż-żewġ partijiet jistrieħu fuq il-ftehim: l-attriċi biex issejjes it-talba tagħha għall-ħlas, filwaqt li l-imħarrek biex isejjes l-eċċezzjoni tiegħu tal-inadempiment u, aktar u aktar, l-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni mill-partijiet li l-appalt inħalaq bil-ftehim li ntlaħaq bil-kuntratt tal-4 ta' Settembru tal-2008. Minn dak il-ftehim, fi kliem sempliċi, jidher li Webcraft kellha toħloq sit diġitali ("*website*") biex minnha n-negozju mmexxi mill-imħarrek seta' jkun f'qagħda jbigħ kotba fuq ordnijiet li l-klijenti setgħu jagħmlu *on-line*, filwaqt li Webcraft kellha wkoll toffri servizz ("*support service*") għat-tħaddim bla problemi ta' dak is-sit. L-imħarrek jgħid li, qabel ma ntlaħaq l-imsemmi ftehim, huwa kien ressaq lil Webcraft faxxikolu li jidher li sar f'Mejju ta' qabel u mħejji minn persuna mqabbda minnu b'linji-gwida "li amplifikaw u elaboraw fuq il-lista provduta mis-soċjeta` attriċi fil-kuntratt ċitat";

Illi ħareġ li Webcraft ħolqot is-sit elettroniku, għalkemm b'xi dewmien wara ż-żmien imwiegħed, u l-imħarrek ħallas u baqa' jagħmel ħlasijiet oħrajn ukoll wara l-ikkummissjonar tas-sit. Quddiem din il-Qorti hemm it-talba ta' Webcraft biex titħallas dak li tgħid li l-imħarrek għad fadallu jagħtiha sakemm baqgħet tagħtih servizz, u l-kontro-talba tal-imħarrek biex jitlob ir-radd lura tal-ħlasijiet u d-danni minħabba n-nuqqas ta' twettiq tal-appalt;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex l-ewwel tikkonsidra **t-tielet eċċezzjoni** mressqa mill-imħarrek għat-talba għall-ħlas. L-eċċezzjoni tal-imħarrek hija mibnija f'biċċa minnha fuq ix-xilja ta' nuqqas ta' sengħa u ħila min-naħa ta' Webcraft fix-xogħol li wettqet, u f'biċċa fuq il-fatt li b'dak li għamlet Webcraft

---

[25] Dok "CB1", f'paġ. 251A tal-proċess
[26] Paġ. 439 tal-proċess

naqset li ttemm dak li ntalbet tagħmel jew saħansitra li dak li għamlet ma kienx ta' siwi għalih;

Illi l-imħarrek jgħid li wara li ħallas eluf ta' ewro għal sistema li kellu jħaffiflu xogħlu u jirrendilu qligħ akbar, is-sistema li pprovdietlu Webcraft ma qditux, u li dak li ftiehem dwaru ma' Webcraft ma ngħatalux kollu kemm hu[27]. L-*accountant* tal-imħarrek, li kien iħaddem dik il-parti tas-sistema marbuta mal-*accounts*, ukoll jilmenta mis-sistema u jgħid li għalkemm sar titjib dwar numru ta' nuqqasijiet, is-sistema xorta baqa' mhux "*user friendly*"[28];

Illi Webcraft, min-naħa l-oħra, tgħid illi dak kollu li ntalbet tagħmel għamlitu skond ma kien miftiehem, u li saħansitra għamlet aktar minn dak miftiehem. Iżżid tgħid li għamlet tajjeb għan-nuqqasijiet li setgħu rriżultaw mit-tħaddim tas-sistema u jekk kien hemm xi dewmien, dan kien jaħti għalih l-imħarrek innifsu. Hija tistrieħ fuq ix-xhieda mogħtija mid-direttur u l-impjegati tagħha, kif ukoll minn xi bdil ta' korrispondenza elettronika li għaddiet bejn il-partijiet matul ix-xhur meta s-sit elettroniku provdut minnha kien qiegħed jitħaddem[29];

Illi l-aspetti tekniċi marbutin mal-kontenzjonijiet tal-partijiet jiffurmaw il-qafas ta' din il-kawża. L-imħarrek iressaq bħala prova rapport ta' espert tekniku "*ex parte*", filwaqt illi l-Qorti minħabba li l-*hardware* u *software* li kien fil-pussess ta' Webcraft tħassar, ma kinetx f'qagħda li taħtar espert tagħha biex jirrelata dwar dan l-aspett tekniku marbut mal-każ. Jidher li kien dan li wassal lill-imħarrek rikonvenjent biex, wara li kiseb il-permess ta' din il-Qorti li jinħatar perit tekniku fil-qasam, ftit żmien wara rtira t-talba tiegħu;

Illi l-Qorti tagħraf li fit-twettiq tax-xogħol mogħti lilu, kull appaltatur irid iħares, b'għaqal mistenni minn kull missier tajjeb tal-familja u skond ma jitlob l-artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili, il-mod kif iwettaq l-appalt. L-għaqal mistenni mill-appaltatur jissarraf f'dak "*is-sens ta' professjonalita` teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattejeni ruħu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti*"[30];

Illi l-appaltatur għandu l-obbligu li jwettaq ix-xogħol li tqabbad jagħmel fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li x-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri nuqqasijiet, u li jiggarantixxi t-tjubija tax-xogħol tiegħu[31];

---

[27] Ara x-xhieda ta' Evan Cumbo mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 407 u 412 tal-proċess.
[28] Ara x-xhieda ta' Adrian Ellul Soler f'paġġ. 355 – 6 u 360 tal-proċess
[29] Dok. "KG" sa Dok. "MVB" f'paġġ. 217 sa 229 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "WC01" sa "WC17" f'paġġ. 151 sa 204 tal-proċess
[30] App. Inf. PS **15.7.2009** fl-ismijiet ***Tal-Franciż Construction Ltd vs Anġlu Żarb***.
[31] App. Inf. PS **6.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Pierre Darmanin vs Moira Aġius et***

Illi regola legali oħra hi li l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas ta' appalt li huwa ma jtemmx jew li jagħmel ħażin, u l-azzjoni tiegħu għall-ħlas għandha tiġi miċħuda għaliex tkun saret qabel waqtha. Imma l-intempestivita` tintemm jekk kemm-il darba l-appaltant iqabbad minn rajh lil ħaddieħor biex itemm ix-xogħlijiet jew jirranġahom[32] u ma jagħtix lill-appaltatur opportunita` li jagħmel dan. Daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-appaltant ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[33];

Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar[34];

Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-appaltant biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, u wara l-għoti ta' żmien raġonevoli lill-appaltatur biex jirrimedja n-nuqqasijiet jew xogħol mogħti ħażin, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizżżazzjoni tal-Qorti għal dan[35];

Illi f'każ ta' appalt dwar fornitura ta' sistema ta' *software* dan il-kriterju tat-twettiq xieraq tal-kuntratt jintlaħaq, mhux meta s-sistema jkun stallat, imma meta jkun jidher li s-sistema jaħdem tajjeb u jaqdi l-ħtiġijiet ta' min ikun talbu. "*In un contratto di fornitura di un sistema informatico ove l'alienante si impegna contrattualmente a garantire il buon funzionamento, sussiste inadempimento di non scarsa importanza in ogni caso in cui il funzionamento del sistema non raggiunge in concreto il risultato previsto*"[36];

Illi l-appaltatur illi jagħmel xogħol ħazin huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħazina[37] għaliex, kif jinsab ritenut ukoll, "*f'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu quddiem*"[38]. Dan il-prinċipju jorbot anke jekk ikun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-istruzzjonijiet illi jkun ingħata mill-kommittent appaltant. Dan jingħad għaliex

---

32 P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***
33 P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
34 App.Inf. PS **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Beżżina et vs Joseph Attard et***
35 P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
36 Cass. (Ċiv, Sezz II) **22.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Pozzi c Saro S.r.l.*** (Mass. Nru. 2661)
37 Kumm. **15.5.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Vincenti Kind pro et noe*** (Kollez. Vol. **XXXVII.iii.883**)
38 App Kumm, **27.3.1972** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Blackman vs. Carmelo Farrugia et noe*** (mhix pubblikata)

il-fatt li jkun sar ħlas jew ħlas akkont jew li x-xogħlijiet ikunu ġew approvati mill-kommittent m'huwiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull każ jistkenn mix-xilja tan-nuqqas ta' twettiq jew twettiq ħażin tal-appalt[39]. Għaldaqstant meta jirriżultaw dawn in-nuqqasijiet, l-appaltatur jitqies li għandu ħtija minħabba inadempiment għaliex "*il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, ta' l-obbligazzjoni riżultanti mill-kuntratt*"[40];

Illi l-ħtija li jrid iwieġeb għaliha l-appaltatur tiddependi minn kemm tali nuqqasijiet għadhom jistgħu jissewwew u huwa biss meta t-tiswija tagħhom ma tkunx għadha tista ssir li l-kommittent jingħatalu d-dritt li jfittex għad-danni[41];

Illi meħuda kont dawn il-prinċipji, u fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax twarrab għal kollox il-kostatazzjonijiet magħmula mill-espert tekniku *ex parte.* Mir-raġunijiet li huwa jagħti fir-rapport tiegħu, joħrog ċar illi l-kwalita` tax-xogħol fornit minn Webcraft ma kinetx dik mistħoqqa. Jgħid ukoll li numru ta' xogħlijiet elenkati fil-kuntratt bejn il-partijiet tħallew barra għal kollox minnha[42]. F'dan ir-rigward, u bla ma toqgħod tirrepeti fit-tul u bla ħtiega, il-Qorti tirreferi għall-konkluzjonijiet tal-espert tekniku f'paġna 6 tar-rapport tiegħu[43] biex turi fejn hija sabet il-konvinċiment tagħha fuq is-sejbiet tal-espert. Fil-qosor, joħroġ minn dak ir-rapport li Webcraft f'xi aspetti naqset milli twettaq partijiet mill-appalt minn kif kien miftiehem u msemmi fil-*Functional Requirements Document* mehmuż mal-istess ftehim, u kif ukoll nuqqas għal kollox ta' xi ħwejjeġ bażiċi marbuta mal-funzjonalità tas-sistema provdut[44];

Illi l-konklużjonijiet tal-espert *ex parte* jsaħħu t-teżi mressqa mill-imħarrek u jdgħajfu l-pretensjonijiet sostnuti minn Webcraft meta titlob il-bilanċ dovut lilha skond il-kuntratt tal-4 ta' Settembru, 2008. B'żieda ma' dan, minn qari xieraq u mirqum tal-atti proċesswali, il-Qorti ma tarax mnejn joħroġ li kien l-imħarrek rikonvenjent innifsu li jaħti għan-nuqqasijiet li ħarġu fis-sistema provdut minn Webcraft, kif il-kumpanija attriċi rikonvenuta tallega aktar minn darba. Mill-atti jidher li dak li l-imħarrek minn żmien għal żmien kien jitlob minn Webcraft ma kinux ħwejjeġ ġodda, imma t-twettiq ta' partikularitajiet li kienu ssemmew diġa` fl-imsemmi *Functional Requirements Document.* Ma jidhirx lanqas li l-fatt li l-imħarrek waqa' lura fil-ħlasijiet jista' jagħti lil Webcraft raġuni tajba biex ma tagħtihx fis-sħiħ il-prodott u s-servizzi li ntrabtet bihom;

---

[39] B'eżempju ara P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***
[40] App. Ċiv. **19.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Schembri*** (Kollez. Vol. **XXXVIII.i.292** a fol. 294)
[41] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***
[42] Dok. "IT" f'paġġ. 367 sa 372 tal-process
[43] *Ibid,* f'paġ. 372 tal-proċess
[44] Xhieda ta' Ivan Tabone f'paġ. 392 tal-proċess

Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn is-sejbiet iwassluha biex tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek bħala waħda mistħoqqa. B'konsegwenza ta' hekk, issib li Webcraft naqset mir-rabtiet kuntrattwali tagħha lejn l-imħarrek u ma għandhiex jedd tippretendi l-ħlas li ssemmi fit-talbiet tal-azzjoni ewlenija tagħha, u ma jistħoqqilha l-ebda ħlas ieħor kif qiegħda titlob jew il-kundanna tal-imħarrek biex iħallas xi parti minn dak minnha mitlub. L-inadempiment tagħha ma kienx assolut u, minn kif jidher mill-imsemmi rapport "*ex parte*" u minn xhieda mressqa mill-imħarrek innifsu, is-sistema ma kienx ħażin għal kollox, imma n-nuqqasijiet riskontrati jagħmlu t-talba ta' Webcraft fl-azzjoni ewlenija tagħha għall-ħlas ta' bilanċ pretiż waħda mhux mistħoqqa;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis is-siwi tal-**azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrek** fil-mertu. L-imħarrek jgħid li ladarba x-xogħlijiet minn Webcraft ma sarux kif titlob is-sengħa u l-ħila u/jew ma kinux mitmuma kif miftiehem, Webcraft għandha troddlu lura kulma kien ħallasha, minbarra li hija trid tagħmel tajjeb ukoll għad-danni kollha li ġarrab minħabba l-inadempjenza tagħha;

Illi għal din il-kontro-talba Webcraft tressaq numru ta' eċċezzjonijiet. Għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni rikonvenzjonali**, fid-dawl tal-kostatazzjonijiet li din il-Qorti għamlet hi u tqis l-azzjoni ewlenija ta' Webcraft, għandu jsegwi li l-**ewwel talba rikonvenzjonali** tal-imħarrek jixirqilha tintlaqa' għaliex tassew ħareġ li Webcraft naqset b'xi mod mhux traskurabbli milli twettaq l-appalt mogħti lilha skond kif jitolbu l-aħjar sengħa u ħila;

Illi b'referenza għas-sentenza preliminari mogħtija minnha fl-10 ta' Ġunju, 2015, il-Qorti sejra issa tqis t-**tieni eċċezzjoni** ta' Webcraft (liema eċċezzjoni din il-Qorti kienet astjeniet milli tqis sa wara l-istadju tal-għeluq tal-provi) fid-dawl tal-provi kollha li tressqu mill-partijiet. Kif ġa ngħad, din l-eċċezzjoni titkellem dwar irritwalita` "sostantiva" tal-Kontro-Talba tal-imħarrek. Webcraft tgħid li t-talba tal-imħarrek għar-radd lura minnha ta' kulma kien ħallasha l-imħarrek rikonvenjent taħt il-kuntratt ma toqgħodx mal-premessi tal-istess att rikonvenzjonali (li jitkellem dwar l-allegat nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt), minbarra li l-liġi ma tagħtix lil parti f'kuntratt ir-rimedju tal-ħlas lura ta' dak li jkun ħallas bi twettiq tal-obbligi kuntrattwali tiegħu. Billi l-imħarrek baqa' mkien ma talab il-ħall tal-kuntratt jew it-tħaddim tal-patt kommissorju, it-talba tar-rifużjoni hija għal kollox irrita għaliex mhix fost ir-rimedji mogħtija mil-liġi. Webcraft tistrieħ fuq il-klawsola 4.3 tal-ftehim milħuq mal-imħarrek rikonvenjent, li tgħid li wara li jkun għalaq iż-żmien originali miftiehem fil-kuntratt (dak ta' 36 xahar mid-data tal-kuntratt), il-kuntratt jerġa' jiġġedded awtomatikament għal żmien ieħor ta' tnax-il xahar sakemm waħda mill-partijiet ma tgħarrafx lill-parti l-oħra bil-fehma tagħha li mhix fi ħsiebha ġġeddu aktar. Il-

kuntratt jgħid ukoll kif parti għandha tgħarraf b'dan lill-parti l-oħra, jiġifieri b'ittra reġistrata jew *fax* tal-anqas tlett xhur qabel ma jagħlaq il-kuntratt. Ladarba l-imħarrek ma mexiex ma' dan, Webcraft tisħaq li l-kuntratt baqa' fis-seħħ u l-imħarrek ma setax jitlob il-ħlas lura jekk mhux wara li jressaq talba għall-ħall tal-kuntratt, liema talba baqa' ma ressaqha qatt, lanqas fl-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek rikonvenjent jisħaq li t-talba tiegħu għall-ħlas lura tas-somom li huwa ħallas lil Webcraft taqa' sewwasew fil-jeddijiet mogħtija mil-liġi bl-artikolu 1066(1) tal-Kodiċi Ċivili. Huwa jgħid li t-talba tal-ħall tal-kuntratt seta' jagħmilha biss fejn il-kuntratt ikun għadu fis-seħħ u mhux ukoll wara li l-kuntratt ikun skada. Huwa jsemmi li l-ftehim li sar bejnu u Webcraft f'Settembru tal-2008 kien għal tliet (3) snin u dawn skadew u b'hekk il-kuntratt ma baqax aktar fis-seħħ u wisq anqas kellu jitlob il-ħall tiegħu, aktar u aktar meta l-għażla tat-tiġdid kienet imħollija f'idejh. Jgħid ukoll li Webcraft kienet taf sewwa bil-fehma tiegħu li ma kienx ser iġedded, u li din toħroġ mill-bdil tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet u li tinsab fl-atti tal-kawża;

Illi huwa meqjus li jekk kemm-il darba l-kommittent minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, il-kommittent ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[45] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)[46];

Illi fil-fehma tal-Qorti, qari tajjeb tal-istess artikolu jagħti l-possibilita` li fejn ix-xogħol mogħti f'appalt ikun tant ħażin li ma jkun tal-ebda fejda għall-appaltant jew ma jkun jgħoddlu xejn, allura wieħed jista' jgħid li l-appaltatur ma jkun jistħoqqlu l-ebda ħlas ta' xogħol bla siwi. Jibqagħlu biss jedd għall-kumpens ta' xi nfieq li jkun għamel. Wara kollox, jekk kemm-il darba huwa minnu li talba minn appaltatur għal ħlas hija intempestiva jekk kemm-il darba l-appalt ikun sar ħażin[47], bl-istess mod jidher li l-appaltant jista' jitlob lura kull ħlas li jkun sar qabel il-waqt u li ma jkunx għadu dovut. Imma dan il-jedd tal-appaltant jirrigwarda biss xi ħlas li jkun sar qabel il-waqt u ma jissarrafx f'xi jedd awtomatiku tar-radd lura ta' kulma jkun tħallas lill-appaltatur inadempjenti. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-ħlasijiet li l-imħarrek intalab u wettaq lil

[45] Art. 1068 tal-Kap. 12
[46] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri*** (mhix appellata)
[47] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**); P.A. **14.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Cavallo*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.650**); u App. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Meli et vs Emanuel Galea***, fost bosta oħrajn

Webcraft kienu skond kif maqbul fil-kuntratt tal-appalt ta' bejniethom u, għal medda twila ta' żmien, ma kienx ilmenta li l-ħlasijiet wettaqhom qabel waqthom, bla kawża jew mingħajr raġuni tajba. Lanqas ma ntwera minnu (kif kien jaqa' fuqu d-dmir fil-pretensjonijiet rikonvenzjonali tiegħu) li kien b'xi mod interpella lil Webcraft biex troddlu lura dak li jidhirlu li ħallasha għal xejn;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni mressqa minn Webcraft hija mistħoqqa: il-klawsola 4.3 tal-ftehim ma tħalli ebda dubju ta' interpretazzjoni dwar kif għandu jintemm il-kuntratt. Dan għadu kemm issemma u tfisser aktar qabel f'din is-sentenza. Huwa minn ewl id-dinja wkoll li l-mekkaniżmu tat-tagħrif imsemmi f'dik il-klawsola jrid jitwettaq qabel ma l-kuntratt ikun intemm. Ladarba l-imħarrek rikonvenjent ma temmx il-kuntratt bil-mod maqbul li kellu jagħmel taħt l-imsemmija klawsola 4.3, il-kuntratt bejn il-partijiet baqa' fis-seħħ u l-imħarrek ma setax fl-istess nifs jitlob il-ħlas lura. Il-Qorti żżid tgħid ukoll li lanqas fl-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu l-imħarrek ma talab dikjarazzjoni li l-kuntratt kien inħall minħabba n-nuqqas ta' twettiq min-naħa ta' Webcraft, u għalhekk qiegħda tifhem li l-kuntratt intemm b'mod naturali malli għalaq iż-żmien oriġinali miftiehem;

Illi għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni ta' Webcraft għall-azzjoni rikonvenzjonali jixirqilha tintlaqa';

Illi l-Qorti se tqis issa t-**tielet eċċezzjoni** mressqa minn Webcraft għall-azzjoni rikonvenzjonali. Din l-eċċezzjoni hi msejsa fuq il-prinċipju li mhux mogħti li fl-istess azzjoni parti titlob kemm ir-rifużjoni ta' flus imħallsin minnha f'kuntratt u kif ukoll talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba. Fi kliem Webcraft, dan it-twaħħid ta' talbiet iġib ma tiswiex l-azzjoni ta' dik il-parti;

Illi dwar dak li jirrigwarda l-effetti tal-inadempiment kuntrattwali, il-Qorti trid tqabbel dak li tipprevedi l-liġi ma' dak li jippretendi l-imħarrek rikonvenjent, jiġifieri li jingħata lura dak li ħallas lill-Webcraft, kif ukoll id-danni li jgħid li ġarrab;

Illi hawnhekk jidħlu fis-seħħ l-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili li jitqiesu bħala l-effetti "sekondarji" tal-obbligazzjoni;

Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti

inadempjenti[48]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[49], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[50];

Illi fis-sewwa jrid jingħad li fil-każ tal-lum ma jirriżultax li kull xogħol li għamlet Webcraft kien għal xejn jew mingħajr siwi għall-imħarrek. Iżda hemm xhieda li turi li x-xogħol mhux kollu sar jew sar mhux skond is-sengħa u l-ħila;

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, il-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hu bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[51]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[52] jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[53]. Id-dispożizzjonijiet kollha fil-Kodiċi Ċivili li jitkellmu dwar l-effetti tan-nuqqas ta' twettiq ta' rabta kuntrattwali min-naħa tad-debitur isemmu r-rimedju tad-danni bħala effett ta' tali nuqqasijiet: l-ebda waħda minnhom ma ssemmi r-radd lura ta' xi ħlas imwettaq;

Illi għaldaqstant għalkemm f'ġurisdizzjonijiet oħra[54], f'kawża waħda parti tista titlob kemm ir-radd lura ta' dak li setgħet ħallset kif ukoll id-danni mġarrba, dan ma jidhirx li huwa possibbli taħt il-liġi Maltija;

Illi l-imħarrek rikonvenjent baqa' ma rrinunzja għall-ebda waħda mit-talbiet rikonvenzjonali tiegħu u baqa' jisħaq li seta' jressaqhom kollha flimkien. Madankollu, imqar jekk irrinunzja għal dawk it-talbiet li bihom saħaq li jintraddlu lura dak kollu li kien ħallas lil Webcraft, xorta waħda din il-Qorti kienet issib li ma tistax tilqagħlu lanqas it-talbiet l-oħrajn. Dan jingħad għaliex l-imħarrek rikonvenjent naqas għal kollox li jgħid x'kienu d-danni li ġarrab minħabba n-nuqqasijiet ta' Webcraft u lanqas ressaq provi ta' xi danni bħal dawn. Il-liġi titkellem ċar dwar x'inhuma d-danni li l-kreditur tal-obbligazzjoni li ma

[48] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[49] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[50] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)
[51] Art. 1127 tal-Kap 16
[52] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[53] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[54] Ara, b'eżempju, l-art. 1453 tal-Kodiċi Ċivili taljan

tkun twettqet mid-debitur tiegħu jrid jipprova – dawn huma t-telf imġarrab u l-qligħ imtellef[55];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tielet eċċezzjoni ta' Webcraft għall-azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrek hija mistħoqqa wkoll u sejra tintlaqa';

Illi dan kollu jġib miegħu l-effett li, tneħħi l-ewwel talba rikonvenzjonali, il-bqija tat-talbiet rikonvenzjonali ma humiex mistħoqqa u l-azzjoni rikonvenzjonali, minbarra li hija rritwali, ma ġietx pruvata lanqas f'dik il-parti minnha li setgħet titressaq fir-rigward tal-appalt mertu tal-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek għall-azzjoni attriċi bħala mistħoqqa;

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni** tal-kumpanija attriċi rikonvenuta għall-**azzjoni rikonvenzjonali** tal-imħarrek u ssib li t-talbiet rikonvenzjonali tiegħu għar-radd lura tal-flus minnu mħallsa fl-appalt li ta lill-kumpanija attriċi rikonvenuta huma inammissibbli u rritwali;

**Tilqa' it-tielet eċċezzjoni** tal-kumpanija attriċi rikonvenuta u ssib li l-imħarrek naqas milli jipprova kif mistenni fil-liġi t-talbiet tiegħu dwar id-danni mġarrba, u għaldaqstant:

**Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali** u ssib li l-kumpanija attriċi rikonvenuta ma wettqitx għal kollox l-appalt mogħti lilha skond kif jitolbu s-sengħa u l-ħila;

**Tiċħad it-tieni talba rikonvenzjonali** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali l-oħrajn** billi l-imħarrek naqas li jipprovahom; u

**Tordna** li kull parti tħallas l-**ispejjeż tal-azzjoni mibdija minnha.**

[55] Art. 1135 tal-Kap 16

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Jannar, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**